MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 709/2001/1

**Il-Perit Anthony sive Ninu Zammit**

**Vs**

**Emanuel Cuschieri u John Mary sive Jimmy Magro fil-kapacita taghhom bhala president u segretarju tal-Malta Labour Party rispettivament**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fil-harga tal-gurnal ‘l-Orizzont’ ta’ nhar il-Hamis 19 ta’ April, 2001, f’avviz f’pagna 27 intitolat “Il-Hbieb tal-Hbieb” gew attribwiti fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur li jesponuh ghad-

disprezz tal-pubbliku u ghar-redikolu u li jaggravaw l-integrita’ u r-reputazzjoni tieghu;

Premess illi l-avviz imsemmi huwa prodott, ordnat u mhallas mill-konvenut noe;

Premess illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni b’applikazzjoni ta’ l-Artikoli 28 ta’ Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** nomine a fol. 11 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhijiex libelluza fil-konfront ta’ l-attur.

2. Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti fi kritika politika, kummenti u l-espressjoni tal-opinjoni tal-eccipjenti nomine dwar materja ta’ interess pubbliku, permissibbli f’socjeta’ demokratika kemm taht il-ligijiet ta’ l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti** nomine a fol. 53 tal-process fejn eccepew:

Illi huma ma humiex persuni li kontra taghhom tista' titmexxa l-azzjoni taht il-ligi ta' l-istampa, u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**PROVI U KONTESTAZZJONI**

Illi dina l-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza l-ohra fuq l-istess mertu fl-ismijiet: Avukat Louis Galea vs E. Cuschieri et  Citaz 708/01 deciza llum) u l-provi li nstemghu f'dik il-kawza japplikaw ukoll ghal dina l-kawza.

L-attur xehed li l-avviz inkriminat jaghti l-impressjoni ghal kollox infondata, falza u malizzjuza li hu huwa b'xi mod konness ma' traffikanti ta' droga. Hu cahad kwalsiasi konnessjoni ma Meinrad Calleja u/jew ma Ciro del Negro. Hu xehed li dan Del Negro qatt ma ddikjara li l-persuna bl-istess inizjali fid-djarju tieghu kien huwa (ara xhieda a fol. 21 tal-process).

L-attur kien hareg stqarrija (ara Dok  a fol. 128 tac -Citaz 708/01 ) fejn hu kien cahad kategorikament li hu qatt kellu xi konnessjoni ma Ciro del Negro u li lanqas kien jafu.

Il-konvenut Jimmy Magro pprezenta affidavit fil-kawza 708/01 u rega pprezenta l-istess affidavit f'dina l-kawza minghajr ma saret riferenza specifika ghal dak li jirrigwarda l-attur.  In generali ghalhekk ghal dak li japplika ghall dana l-kaz fl-affidavit hemm li r-reklam tal-Partit Laburista in kwistjoni huwa mibni minn dak li jinsab fid-djarju ta' Ciro Del Negro, li ma gie nnegat minn hadd.  Fid-djarju msemmi, hemm xibka ta' ismijiet ta' persuni li kollha huma maghrufa fil-qasam tal-kriminalita', liema persuni kellhom u ghandhom konoxxenza ta' xulxin.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi f'dina l-kawza l-konvenuti ma gabu ebda prova li l-attur kien il-persuna imsemmija fid-djarju ta' Ciro del Negro.

Ciro Del Negro stess qatt ma qal li l-isem Nino Zammit imnizzel fil-pagna tad-djarju tieghu (ara fol. 6) kien ta' l-attur (ara fol 21).

Fl-istatement li kien ghamel Ciro Del Negro (ara kopja tieghu a fol. 135/6 tal-process Citaz 708/01 deciz llum) hu jghid "*Su questo Nino Zammit e una persona che e venuta con Uncle Ray Debono all ufficio di Etienne. Questa persona era molto ben vestita. Non so chi sia questa persona, ma aveva circa 39 o 41 anni, non troppo alto, di media statura capelli skuro ed era stampiato con la carnagione olivastro. Ma era ben vestito*." Imkien Ciro del Negro ma jsemmi li dan Zammit kien il-Ministru Zammit, l-attur.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi l-avviz inkriminat hu malafamanti fil-konfront ta' l-attur billi ma giex pruvat u lanqas ma kien hemm prova li l-persuna imsemmija fid-djarju ta' Ciro del Negro kien l-attur u ghalhekk li tpoggi r-ritratt ta' l-attur max xibka tan-nies li hemm fil-pagna tad-djarju imsemmija, hija malizzjuza u intiza biex thammeg lill attur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

Fic-cirkostanzi billi l-avviz mhux qieghed jattakka unikament lill attur imma lill diversi persuni ohra; imma billi fil-kaz ta' l-attur ma kienx hemm xejn li setgha jwassal ghall attur;

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bhala danni

b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------